**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Il-Pulizija**
(Spettur Lydon Zammit)

**Vs**

**Jeremy Borg**
(K.I. 295901L)

**Illum, 11 ta’ Jannar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Jeremy Borg** ta’ 21 sena, iben Angela Borg, imwieled l-Pieta fid-19 ta’ Lulju 2001, detentur tal-Karta ta’ l-Identità Nru 295901L u residenti fi Triq G Vassallo, Luqa u akkużat:

1. Talli fil-5 ta’ Jannar 2023 u u fil-ġranet u ġimgħat ta’ qabel din id-data ġewwa l-gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Kriminali (Malta) l-Mħallef Dr Aaron M. Bugeja LL. D fid-digriet tiegħu tat-13 ta’ Lulju 2021 li bih tah il-ħelsien mill-arrest b’diversi kundizzjonijiet.

Kopja Informali ta' Sentenza.

2. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL. D fid-digriet tiegħu tat-25 ta' Mejju 2021 li bih tah il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

3. Talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Monica Vella LL. D fid-digriet tagħha tat-08 ta' Frar 2022 li bih tah il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

4. Fl-istess dati, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza mogħtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Maġistrat Dr. Joseph Mifsud datata 18 ta' Jannar 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Kopja Informali ta' Sentenza.

Rat illi l-akkużat tressat taħt arrest quddiem din il-Qorti kif presjeduta nhar is-7 ta' Jannar 2023 u li l-kawża ġiet differita għall-provi kollha għas-seduta tal-lum;

Rat illi fis-seduta tal-lum, l-akkużat għarraf lill-Qorti li jrid jirreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 370(6), 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti semgħet iċ-ċirkostanzi li fihom seħħew dawn ir-reati. Semgħet illi fil-5 ta' Jannar 2023, l-akkużat instab barra mir-residenza tiegħu, senjatament f'vettura fi Triq Dun Karm, Birkirkara flimkien ma erba' persuni oħra, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija. Illi l-Qorti semgħet kif fil-passat, l-istess akkużat biddel l-indirizz residenzjali tiegħu mingħajr ma informa lill-pulizija u lill-Qorti kif ukoll naqas milli jiffirma diversi drabi u jieħu ċ-ċertifikat mediku xhur wara li jkun naqas milli jiffirma, bi ksur lampanti tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-Arrest.

Illi l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma jistgħux jittieħdu b'leġġerezza u għandhom jiġu segwiti skrupolożament u dan għaliex il-kondizzjonijiet imposti minn Qorti fir-rigward tal-għoti tal-ħelsien qegħdin hemm sabiex

jassiguraw bilanċ bejn il-proċeduri penali u d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' akkużat. B'dawn il-kondizzjonijiet, akkużat ikun qiegħed jiġi fdat li se jobdi l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll jobdi l-kondizzjonijiet imposti fuqu jew fuqha. Ksur tagħhom ifisser ksur tal-fiduċja li l-Qorti u l-Istat Malti qiegħed ipoġġi f'ħoġor l-akkużat jew akkużata.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 28B, 49, 50 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Jeremy Borg **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu tikkundannaħ:

1. Piena ta' multa komplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500) fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkużi;

2. Tirrevoka d-digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Onor. Aaron M. Bugeja LL. D datat it-13 ta' Lulju 2021;

3. Tordna l-konfiska ta':

   a. Mitt ewro (€100) mid-depożitu relevanti għad-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Onor. Aaron M. Bugeja LL. D datat it-13 ta' Lulju 2021;

   b. Għoxrin ewro (€20) mid-depożitu relevanti għad- Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL. D fid-digriet tiegħu tat-25 ta' Mejju 2021;

c. Għoxrin ewro (€20) mid-depożitu relevanti għad- Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Monica Vella LL. D fid-digriet tagħha tat-08 ta' Frar 2022;

4. Fir-rigward tar-raba' akkuża, testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza b'sena (1) li għandha tibda tingħad mit-18 ta' Jannar 2024 ċioè kif jintemm il-perjodu operattiv mogħti fis-sentenza erogata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Jannar 2020;

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharon Borg**
**Deputat Reġistratur**